Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 194/2015

Il-Pulizija

Vs

Mark Lawrence Rizzo

Illum 27 ta' April, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Mark Lawrence Rizzo detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 216383M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-19 ta' Novembru 2011 ghal habta tal-5.30pm u hinijiet qabel fi Triq Haz-Zabbar, Rahal Gdid u f'dawn il-Gzejjer:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeq haddiehor, mobbli jew immobli u cioé ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla King Long numru tar-registrazzjoni BUS 119 ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA/jew/u ta' persuni ohra, liema hsara tiskorri €1164.69;

2. Fl-istess cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Escort numru AND 700 b'manjiera bla kont u traskurata;

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ghamel lil John Abdilla mil-Fgura ngurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil- Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg aktar milli jmissu;

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;

5. Fl-istess cirkustanzi hebb kontra John Abdilla biex jingurjah idejqu jew jaghmillu hsara kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali ta' Malta;

6. Naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat, Dr. Edwina Grima LL.D. b'digriet datat 18 t'Awwissu 2009 li permezz tieghu l-istess Mark Lawrence Rizzo nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest;

7. Irrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat imsemmi, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 18 t'Awwissu 2009 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Mark Lawrence Rizzo kif ukoll, li tordna li s-somom ta' €10,000 bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex taghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' John Abdilla u tapplika l-provvedimenti ta' Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' April, 2015, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat

Artikoli 49, 50, 325(1)(a), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Mark Lawrence Rizzo hati ta' l-ewwel (1), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija.

Il-Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi revokat *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 18 t'Awwissu 2009 u t-talbiet l-ohra taghha relatati ma' din it-talba u dana *stante* li l-imputat gie liberat mis-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Finalment, tenut kont tal-fatt li, fil-kontro-ezami tieghu, il-parti leza Abdilla qal li ma kienx ghad hemm problemi bejnu u l-imputat, il-Qorti ma tarax valida ghala ghandha tipprovdi ghas-sigurta' tieghu kif mitlub mill-Prosekuzzjoni u b'hekk il-Qorti cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan is-sens.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mark Lawrence Rizzo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' April, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni (2), it-tielet (3) u s-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, tirrevokaha fil-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4) tal-hames (5) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta u dan billi tinfliggi piena akter ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok jigi rilebat illi l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha u dank if ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

L-appellant jagħmel referenza għall-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti senjatament għal-isqarrija mogħtija minnu a stess a tempo vergine fejn jirrizulta car li dan l-incident kien wieħed ipprovokat mill-parti leza stess, ix-xhieda bil-gurament tiegħ quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll għax-xhieda bil-gurament ta' Wendy Gauci. Mix-xhieda msemmija, u minn dik tal-parti leza stess jirrizulta car li l-involviment tal-appellant kien de minimis, kif ukoll rizultat tal-provokazzjoni kontinwa min-naħa tal-parti leza.

Illi jiġi rilevat illi għalkemm ma kienx obbligat jitla' jixhed stante illi l-prova trid tingieb mill-prosekuzzjoni, l-appellant iddecieda illi jixhed fil-proceduri odjerni fejn spjega b'mod dettaljat x'gara dakinhar tal-akkadut. Apparti minn hekk, ix-xhieda bil-gurament tiegħu, tirrispekja ferm dak li ntqal minnu a tempo vergine fl-istqarrija dakinhar tal-incident. Apparti minn hekk jiġi rilevat illi dakinhar tal-incident kien l-istess appellant illi mar l-Għassa tal-Pulizija ġewwa Raħal Ġdid biex jagħmel rapport u dan jkompli juri l-innocenza tal-appellant fil-proceduri odjerni. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellant jispjega illi dakinhar tal-incident huwa kien għaddej minn naħa tal-polyclinic f'Raħal Ġdid fejn kien mal-eks sieħba tiegħu Wendy Gauci u li magħhom kien hemm tifel ta' disa' xhur riekeb fil-car seat. L-appellant jgħid li f'hin minnhom waqt li kien qiegħed fil-vettura, kienet tiela' xarabank tas-socjeta' ARRIVA liema xarabank rassitu man-naħa tal-bankina tar-foundabout li tagħti lejn in-naħa tal-pjazza l-kbira f'Raħal Ġdid. L-appellant jgħdi ukoll u dan huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda bil-gurament tal-parti leza illi l-istess xufier tax-xarbank beda kontinwament jaqtagħlu jdejh. L-appellant jispjega illi minħabba dan kollu huw daqqlu l-horn izda x-xufier tax-xarabank ma tax kazu u kif appena l-appellant gie biex jaqbzu aktar il-fuq fl-istess triq, il-parti leza rega' rassu apparti illi ma ħallihx jgħaddi.

Illi jiġi rilevat illi l-parti leza apparti illi għamel gesti oxxeni b'idejh lejn l-appellant u waqaf b'tali mod illi ma ħalliehx jgħaddi bil-vettura tiegħu, kompla jistieden l-inkwiet meta qabad u nizel mix-xarabank fejn ħalla lin-nies go fiha u mar biex jaffronta lill-appellant. Izda l-appellant ma nizilx biex jikkonfrontah u baqa' gol-karozza. Kienet biss is-sieħba tiegħu Wendy Gauci illi nizlet mill-karozza u spjegat

lill-parti leza illi kien hemm tarbija fil-vettura u biex ghalhekk ma jkomlix issikahom. Izda l-parti leza mbuttha ghal-darba, darbtejn, tlieta mal-vettura tal-appellatn u kien biss minahbba f'hekk illi l-appellant nizel mill-karozza u kkonfronta lill-parti leza u dan hall jkun jista' jiddefendi s-siehba tieghu. Fil-fatt, l-appellant jixhed illi hu gibed lejh il-part leza mill-qmis halli ma jhallihx iggrafnat ma' omm it-tifel. Kemm il-parti leza kif ukoll l-appellant jikkonfermaw illi ghalkemm spiccaw fl-idejn ma kienx hemm affarjiet ta' barra minn hawn. Dan kollu hu kkonfermat kemm bix-xhieda bil-gurament tal-appellant kif ukoll bix-xhieda bil-gurament ta' Wendy Gauci.

Dan ifisser illi l-appellanti agixxa b'mod sabiex jiddefendi lilu nnifsu, lis-siehba tieghu, kif ukoll lit-tarbija li kellu gol vettura tieghu, u dan minghajr ma kellu ebda intenzjoni specifika li jikkaguna l-ebda ferita fuq il-parti leza. Dan peress illi la darba jigi ppruvat illi l-appellant agixxa b'dan il-mod sabiex jiddefendi lis-siehba tieghu, minghajr l-intnezjoni specifika illi jikkaguna ebda offiza fuq il-persuna tal-parti civili, allura ai termini tal-artikolu 223 tal-Kap 9, ma sehh ebda reat: *'ma hemmx reat meta.. l-offiza fuq il-pesuna huma.. mill-bzonn attwali tad-difiza legittima t' wiehed innifsu jew ta' haddiehor'.*

Il-parti leza, wara li kien hu stess li pprovoka l-incident, dahal lura got trakk tal-linja u f'dik it-tahwida l-appellant spicca wheel mal-wiper tal-Arriva mal-gakketta tat-tracksuit li kien liebes u ma setax jinqala'. L-appellant bir-ragun haseb illi wara dak kollu li kien ghamillu l-parti leza dan seta jaqbad u jiddeciedi illi jsuq bl-appellant imwahhal mal-wiper tax-xarabank u ghalhekk l-appellant qaccat il-wiper li kienet wehlet mieghu.

L-ewwel Qorti ma qablitx mal-verzjoni moghtija bil-gurament tal-appellant u rriteniet illi huwa pjuttost invoerosimili illi l-wiper wehlet mal-gakketta tal-appellatn. Izda c-cirkostanzi tal-kaz u anke x-xhieda bil-gurament tal-appellant stess jaghtu impressjoni differenti. Dan ghaliex fil-mument illi l-appellant wheel mal-wipers tax-xarabank, ix-xarabank kienet wieqfa biex tghabbi u/jew tnizzel in-nnies u ghalhekk f'dak il-mument ix-xarabank kienet imnizzla sew. Inoltre, il-wipers tax-xarabank ikunu pjuttost kbar hafna ikbar minn wipers normali ta' karozza u ghalhekk il-possibilita' illi tehel maghhom huwa hafna ikbar. Jigi rilevat ukoll illi kif

xehed bil-gurament l-appellant stess, il-gakketta tieghu kienet miftuaha u ghalhekk tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha f'dik it-tahwida li nqalghet huwa pjuttost probabbli illi l-appellant whel mal-wipers tax-xarabank.

Illi jigi rilevat ukoll illi l-appellant qabad u waddab il-wiper li kienet tqactet peress illi l-parte leza wara li ien rikeb fuq ix-xarabank rega' nizel u rah gej fid-direzzjoni tieghu b'rabja kbira. L-appellant haseb ragonevolment illi l-parti leza kien mar igib xi haga mix-xarabank u ghalhekk anke biex jiddefendi ruhu minn possibilita' ta' perikolu minhabba l-provokazzjoni u l-atti precedent minn naha tal-parti leza qabad u waddab il-wiper.

Illi ghalhekk minn l-atti processwali jirrizulta car u ampju illi l-appellant agixxa biss b'dak il-mod sabiex jiddefendi ruhu u jiddefendi lis-siehba tieghu illi dak il-hin tal-akkadut kienet mieghu u wara illi kien gie provokat u mghajjar diversi drabi. Dan ifisser illi l-appellant agixxa b'dak il-mod sabiex jiddefendi lilu nnifsu u minghajr ma kellu l-intenzjoni li jikkaguna ebda tip ta' inkwiet jew problem. L-appellatn ghalhekk jissottometti illi lda darba huwa agixxa b'dan il-mod, sabiex jiddefendi ruhu, huwa ma seta' qatt jinsatab hati tar-reati migjuba kontrih. Fil-fatt, il-parti leza stess ikkonfemra illi kien hemm procedure kriminali fil-konfront tieghu.

Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellant jirrileva illi meta wiehed jikkonsidra l-fatti kolllha tal-kaz, il-piena ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerij effettiva hija wahda sproporzjonata fil-kaz odjern. F'dan is-sens, fl-umli fehma tal-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gusitzzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha mezz riformattiv fl-imputat a skapitu tal-mezz tad-deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza il-Pulizija vs Stephen Spiteri mgohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal-soggorn ma' nies li fil-maggoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilita' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza .. tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallefm lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero' llum il-kuncett m'huweix aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma nki illi jkun hemm possibilita' illi dakli jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

F'dan l-istqadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi, (mhux bhal fil-kaz tieghu peress illi huwa persuna b'kondotta kompletament netta) wkoll nghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhonm gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aqulina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi teighu kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il0-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' Probation.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli , li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga.. u li huwa ilu

ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin.. li tul dawn l-ahhar erba snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizulta fin-negattiv… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penal ital-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrizalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja famijari wkoll pjuttost stabbli.

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farmgia deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk, Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak ii jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-l8 ta' Jannar 200l fl-ismijiet il-Pulizija V. George Farrugia: "*Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dma l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant ilium ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fii-konfront tieghu sia l- Artikoiu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbii" fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss ii ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss*

*ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.*

Dan ukoll qed jinghad in vista tal-fatt illi l-parti leza stess xehed u kkonferma li m'ghadx hemm problemi bejnu u bejn l-appellant u dan kien biss incident ta' darba u ghalhekk piena karcerarja effettiva zgur illi mhix idoneja ghall-fattispecie tal-kaz odjern.

Illi dan huwa appell intavolat mill-appellanti fejn iressaq l-impunjattiva tieghu fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok jishaq illi meta l-Ewwel Qorti sabitu hati tar-reat tal-hsara volontarja hija kellha tapplika l-iskriminanti tal-legittima difeza u dan wara li l-incident gie ipprovokat mill-parti leza. Inoltre jilmenta illi l-piena erogata kienet in kwantu eccessiva u sproporzjonata meta wiehed jikkonsidra l-fatti tal-kaz fejn allura l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-aspett riformattiv tal-hati.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravvju imressqa mill-appellanti essenzjalment idur madwar l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha u dan meta huwa jinsisti illi l-incident kien gie ipprovokat mill-parti leza fejn allura l-appellanti hass illi kellu bl-azzjonijiet tieghu jirripelli l-hsara li kienet ser tigi ikkagjonata lilu u lill-familja tieghu. Jishaq allura illi l-azzjoni tieghu kienet wahda ta' legittima difeza kif mahsub fl-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali.

Illi kif mistqarr diversi drabi mill-qrati taghna, qorti ta' revizjoni qajla tqanqal l-apprezzament li ikun gie maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi billi necessarjament dik il-Qorti tkun f'qaghda ahjar li twiezen l-komportament tax-xhieda li ikunu iddeponew quddiemha, haga li din il-Qorti ma kellhiex ix-xorti li taghmel. Illi huwa biss meta tali apprezament ikun wiehed erronji kemm fuq bazi legali kif ukoll fuq

bazi fattwali u cioe' meta l-gudikant li f'idejh huwa rimess il-gudizzju ma setax la ragjonevolment u lanqas legalment jasal biex jaghmel tali apprezament illi din il-Qorti allura ghandha tiddisturbaha.

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa dak li qed jikkontesta l-appellanti mhuwiex tant il-fatt illi kien hu li ikkaggjuna l-hsara fil-*windscreen* tax-xarabank misjuqa mill-parti leza, izda illi huwa ghamel dan sabiex iwiegeb ghal provokazzjoni subita da parti ta'l-istess parti leza u sabiex jiddefendi lilu innifsu u lill-familja tieghu. Di fatti anke ix-xhieda tieghu hija infassla fuq dan il-binarju u dan meta jishaq illi huwa wiegeb ghal provokazzjoni subita mill-parti leza meta dan ta'l-ahhar imbotta lit-tfajla tieghu u ghalhekk huwa intervjena biex jiddefendieha. Jispjega l-appellanti illi kien f'dan il-mument li huma spiccaw gew fl-idejn u meta haseb li l-parti leza kien ser ihebb ghalih b'xi oggett, dar ghal warajh wehel mal-*wiper* tal-*windscreen*, qaccatha minn postha u tefaghha lejn il-*windscreen* bil-konsegwenza li din inkissret. Din hija t-tezi prospettata mill-appellanti. Illi l-Ewwel Qorti madanakollu ma emmnintx din il-verzjoni tal-fatti kif imressqa 'il quddiem minnu. Issa din il-Qorti fliet l-atti processwali kollha u tistqarr minnufih illi ma tara l-ebda mottiv li jista' iwassalha tvarja l-konkluzjonijiet raggunti mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex l-appellanti qatt ma jista' jitwemmen meta ighid illi huwa wehel mal-*windscreen* bil-gakketta ghaliex kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti hija

---

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

inkoncepibbli kif dan seta isehh iktar u iktar meta wiehed iqies l-gholi tax-xarabank fejn allura l-*windscreen* ma kenitx fl-oghli ta' bniedem izda iktar 'il fuq.

Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

***"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."***

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata.

***"Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima[2]."***

Illi l-Qorti tqis illi dana kien kaz ta' perikolu anticipat u inoltre l-imputat ireagixxa b'mod kemmxejn vjolenti f'dan is-sinsitru. Ibda biex l-episodju mertu ta' dan il-kaz jista jinqasam f'zewg partijiet bil-bidu tieghu isehh meta gie evitat skontru bejn ix-xarabank u l-vettura misjuqa mill-appellanti. Hawnhekk l-appellanti jidher illi gholla lehnu mas-sewwieq tax-xarabank u dan ta'l-ahhar wiegeb b'mossa pastaza. Jidher illi l-appellanti baqa' isegwi it-tragitt tax-xarabank fejn aktar l-isfel rega sehh skontru iehor fejn allura dawn it-tnejn minn nies nizzlu mill-vetturi rispettivi taghhom u gew fl-idejn fejn kellhom jintervjenu terzi biex izommuhom. Dan ifisser allura illi l-appellanti li diga kellu konfrontazzjoni mal-parti leza ftit tal-hin qabel seta' jevita konfrontazzjoni ohra u mhux mar ifittixha! Ma jistax imbaghad ighid illi huwa ireagixxa biex jiddefendi lilu innifsu u lil familja tieghu meta l-inkwiet minflok evitah mar kompla isegwieh. Anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kella temmen il-verzjoni tieghu xortawahda din l-iskriminanti ma tistax issib applikazzjoni meta

[2] Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995

kemm hu kif ukoll it-tfajla tieghu nizzlu mill-vettura taghhom ifittxu il-konfrontazzjoni minflok komplew fi triqthom.

Illi ghalhekk ghall-istess motivi lanqas ma jista japplika ghal dan il-kaz l-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "**illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt**." Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

"**Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto*" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).**"

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dina l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Issa hawnhekk ukoll il-Qorti ma tqiesx illi bniedem ta' temperament ordinarju kellu ikollu reazzjoni vjolenti billi iqaccat wiper minn *windscreen* u jibda jaghti fuqha kemm jiflah sakemm kissirha. Il-Qorti lanqas ma tista' temmen lill-imputat meta

ighid illi huwa ma xejjierx daqqiet fuq il-*windscreen* bil-*wiper* izda tefaghha u kumbinazzjoni laqat din il-hgiega u kissirha, ghaliex kien certament jenhtieg certa forza sabiex *windscreen* ta' xarabank titkisser. Kwindi lanqas din l-iskuzanti ma tista' issib applikazzjoni ghaliex, kif inghad l-appellanti kellu kull opportunita li jibqa fil-vettura tieghu flimkien mas-siehba tieghu u ikomplu fi triqthom minflok jaghzlu li jinzlu mill-vettura sabiex jaffrontaw lill-parti leza. Ghalhekk dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti jilmenta ukoll illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda spropozjonata ghal fattispecje tal-kaz u di' piu' ma ratx illi thares l-aspett riformattiv tal-hati meta din ghaddiet biex tinfliggi piena karcerarja effettiva. Issa l-Ewwel Qorti meta erogat piena karcerarja ta' wiehed u ghoxrin xahar prigunerija qieset l-ewwel u qabel kollox il-fedina penali refrattarja ta'l-appellanti u l-fatt illi huwa kien recidiv kemm fit-termini ta'l-artikolu 49 kif ukoll 50 tal-Kodici Kriminali. Qieset ukoll illi l-appellanti diga' inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-qrati sabiex jirriforma ruhu. Issa minn qari tas-*social enquiry report* li gie redatt quddiem din il-Qorti mill-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech jidher illi l-appellanti ma ghamilx uzu minn dawn l-opportunitajiet moghtija lilu tant illi huwa ghad ghandu bzonn it-terapija sabiex jindirizza l-problemi tieghu tal-abbuz mill-alkohol, tar-rabbja u il-vjolenza u tal-abbuz tad-drogi. Dawn il-problemi jidher li ghadu ma issuperhomx tant illi din il-Qorti ma tistax taghtih affidament u allura timponi piena karcerarja alternattiva ghal dik tal-prgunerija. Ighid hekk l-Ufficjal tal-Probation:

"Il-mod inadekwat ta' kif Mark igib ruhu f'certi sitwazzjonijiet, in-nuqqas ta' hiliet ta' kif jikkontrolla lilu innifsu u n-negattivita fil-hiliet relatati mal-hsieb u l-attitudni, huma zoni ta' riskju f'hajjet l-ikkoncernat. Ghaldaqstant hemm il-htiega ta' terapija li toffri support u tghin lill-imputat itejjeb il-mod ta' kif jahseb, b'mod partikolari il-gustifikazzjonijiet tieghu. Madanakollu ta' min jinnota wkoll li fil-passat l-imputat kien offrut l-ghajnuna u sapport sabiex jindirizza l-problemi imsemmijin hawn fuq. Ghaldaqstant sabiex ikun hemm success irid ikun hemm ukoll il-motivazzjonijiet u rieda minn naha tal-imputat."

Il-Qorti fid-dawl ta' dan allura ma tistax taghti affidament lill-appellanti illi huwa kapaci jikkontrolla l-problemi tieghu minn jeddu u jista' jaghmel dan jekk jinsab inkarcerat fejn allura jibqa jigi segwiet mill-*key worker* tieghu fi hdan l-agenzija appogg.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata b'dan illi l-Qorti qed taghmel rakomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-appellanti jinghata t-terapija u l-kura kollha li ghandu bzonn sabiex jindirizza l-problemi tieghu.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur